**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 16

Data tal-laqgħa: 14 ta' Mejju, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Mejju 2025 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech<br>Marilena Hassan |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fis-6:38p.m. billi ntqalet it-talba.

## 16/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**16/01/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda ittra t'apoloġija u b'hekk kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.

## 16/2 Sfiduċja fis-Sindku preżenti tal-Kunsill Lokali tal-Għargħur, is-Sinjura Helen Gauci

**16/02/01** Id-DSE infurmat kif hi kienet ser taqra l-komunikazzjoni li hi kienet irċiviet mingħand il-Minority Leader, is-Sa Mariah Meli, nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2025, sabiex tiġi msejħa laqgħa b'urġenza u jiġi diskuss dan is-suġġett biss.

**16/02/03** Id-DSE qrat il-komunikazzjoni flimkien ma' żewġ dokumenti – 'Dokument A' u 'Dokument B' li kopja tagħhom qed jiġu annessa ma' dawn il-minuti u stiednet lill-Kunsilliera preżenti sabiex jiddiskutu din il-mozzjoni.

**16/02/04** Is-Sindku qalet kif din tistà tkun l-aħħar laqgħa li qed tindirizza lill-Kunsill għall-aħħar darba bħala Sindku minħabba dan il-vot ta' sfiduċja li ġie mressqa mill-Kunsilliera Francesca Attard, li llum hija Indipendenti, ex-Kunsiliera tal-Partit Nazzjonalista, u miż-żewġ Kunsilliera tal-Partit Laburista, Mariah Meli u Christopher Fenech. Hi qalet kif jekk din il-mozzjoni tgħaddi, hi

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

assigurat lir-residenti tal-Għargħur li fdawa bil-vot tagħhom fl-aħħar elezzjoni bi 869 vot, b'maġġoranza assoluta, li ser tibqa lejali lejhom u sservihom bl-aħjar mod possibli. Hi qalet kif ser tħalli f'idejn sħabha l-Kunsilliera biex jieħdu dan il-vot fl-interess tal-lokal, jekk verament iħobbu l-lokal, u mhux fl-interess personali tagħhom, kollha kemm huma.

**16/02/05** Id-DSE staqsiet lill-Kunsilliera jekk kienx hemm xi kummenti oħra li xtaqu jressqu f'din il-laqgħa.

**16/02/06** Is-Sa Marilena Hassan talbet sabiex fuq il-mejda tressaq petizzjoni ffirmata mir-residenti Għargħurin sabiex dan il-vot ta' sfiduċja fis-Sindku ma jiġix mressaq.

**16/02/07** Id-DSE ikkonfermat kif il-petizzjoni sabiex Helen Gauci tibqa sservi bħala Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur u staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti oħra.

**16/02/08** Is-Sa Hassan żiedet tgħid li din ser tkun fuq il-kuxjenza tal-Kunsilliera li jixtiequ jivvutaw kontra s-Sindku.

**16/02/09** Is-Sa Mariah Meli qalet kif minn naħa tagħhom qed jieħdu nota tal-petizzjoni u kif huma jridu jimxu skond l-Att tal-Gvern Lokali u xtaqet iżżid li din il-mozzjoni tressqet b'waħda konġunta u d-deċiżjoni tas-Sindikat kien diskuss bejniethom u kien hemm qbil fuqu. Hi qalet li huma kienu qedin jirriaffermaw ukoll lil Francesca Attard bħala Viċi Sindku u ma kienx hemm x'jiżdied aktar mal-mozzjoni.

**16/02/10** Id-DSE infurmat kif jekk ma kienx hemm aktar kummenti x'jiġu mressqa, il-Kunsilliera jrid jgħaddu għal vot sabiex wieħed wieħed jgħid jekk hux favur, kontra il-mozzjoni jew jixtieqx jastjeni minn din il-mozzjoni.

**16/02/11** Is-Sur Christopher Fenech, is-Sa Mariah Meli u s-Sa Francesca Attard ivvutaw favur il-mozzjoni, filwaqt li s-Sa Helen Gauci u s-Sa Marilena Hassa, ivvutaw kontra l-mozzjoni.

**16/02/12** Id-DSE infurmat kif b'dan ir-riżultat, il-mozzjoni ġiet approvata u b'riżultat t'hekk, is-Sindku ser tkun is-Sa Mariah Meli u l-Viċi Sindku ikkonfermata Francesca Attard.

**16/02/13** Is-Sindku talbet sabiex tgħaddi kumment fejn indirizzat lis-Sa Meli u nfurmata kif is-siġġu ta' Sindku kienet ħaditu u serqitu u kif fil-ħajja min jisraq ma jgawdix. Hi xtaqitilha kull ġid u fakkrita kemm ikkooperat magħha pero l-azzjonijiet li saru ser jinġarru magħha tul ħajjitha kollha.

**16/03/14** Is-Sa Meli qalet kif hi dejjem ikkooperat mas-Sindku wkoll u kienet tellgħet divers domandi kemm-il darba.

**16/03/15** Il-laqgħa ġiet interrotta minn għajat min-nies preżenti għal din il-laqgħa u għalhekk id-DSE waqfet din il-laqgħa sakemm l-uffiċċjali tal-Pulizija ppruvaw jikkontrollaw l-għajjat. Madanakollu, wara diversi attentattivi, uħud minn nies li kienu persistenti kellhom jiġu skortati 'l barra mill-post għax ma ridux jieqfu jitkellmu sakemm il-laqgħa tiġi konkluża.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**16/03/16** Wara li n-nies ġew eskortati barra mill-binja, id-DSE infurmat lis-Sa Meli sabiex tkompli bil-kummenti li kienet ser tressaq.

**16/03/17** Is-Sa Meli qalet kif parti mid-demokrazzjoni kienet titlob governanza tajba u trasparenza u kif hi kienet ilha xhur sħaħ titlob id-dokumenti

**16/03/18** Is-Sa Gauci u s-Sa Hassan talbu sabiex jiġu mressqa l-provi dwar dan.

**16/03/19** Is-Sa Meli talbet biex ma tibqa tiġi interrotta bħal ma hi żammet kwieta u ħalliet lil ħaddieħor jitkellem. Kompliet tgħid kif id-demokrazzija ukoll governanza tajba u tranparenza u kif huma kienu ilhom xhur sħaħ, mill-ewwel laqgħa, u li kienu għadhom sa din il-laqgħa, qatt ma ġew imressqa, u kif dawn kienu talbiet fuq affarijiet serji.

**16/03/20** Is-Sa Gauci spjegat kif il-problema kienet fin-nuqqas ta' ħaddiema li kien hemm fil-Kunsill, kif ukoll is-sitwazzjoni li dan il-Kunsill kellu fejn sfortunatament kien marad u miet l-accountant li kellu l-Kunsill matul is-sena 2024, kif hi kienet ippruvat tara li l-Kunsill jimpjega persuna fuq Skala 15, bażi *Part Time,* biex ikun jistà jgħin, u li din kien ġie approvat mill-Jobsplus kif ukoll mill-HR tad-Diviżjoni għal Gvern Lokali, u kif dan kien ġie ivvutat kontra sabiex dan l-ingaġġ ma jseħx u ma jkunx hawn għajnuna, u saħansitra kellu jingħalaq l-uffiċċju tal-Kunsill biex dan l-impjegat seta jgħamel użu mill-*leave* tiegħu li hu dritt tiegħu.

**16/03/21** Is-Sa Meli qablet mas-Sa Gauci fuq l-aħħar punt. Madanakollu l-laqgħa kellha terġa tiġi mwaqfa sakemm kien hemm ordni kemm minn nies preżenti fis-sala kif ukoll mill-Kunsilliera madwar il-mejda.

**16/03/22** Id-DSE reġgħet talbet lis-Sa Meli sabiex tkompli u tikkonkludi.

**16/03/23** Is-Sa Meli tkelmet fuq l-vakanza ta' *Clerk* fejn fl-aħħar minuti kienet inqalet urġenza fejn hi kif ukoll is-Sa Fenech ma setgħux jattendu għall-intervista li kienet skedata mal-kandidat. Fuq it-*team,* is-Sa Meli qalet kif fil-leġislatura preċedenti kien hemm tim sħiħ u xorta waħda kien hemm in-nuqaasijiet, liema nuqqasijiet kienu mressqa fil-laqgħat li nżammu tal-Kunsill. Hi qalet kif kien hawn preżenti Segretarju Eżekuttiv preċedenti, is-Sa Tanti, u kemm-il darba kienet staqsieta dwar dan l-affarijiet.

**16/03/24** Is-Sa Meli żdiedet titkellem fuq l-istqarrija, hi talbet lis-Sindku tinforma kif kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera kollha sabiex tinħareġ stqarrija dwar ir-raġuni għalfejn il-Kunsill kellu jinżamm magħluq mhux minħabba l-impjegat imma minħabba l-intervista tal-vakanza. Hi reġgħet fakret kif, bħalma qalet f'laqgħa preċedenti, persuna mpjegata ġdida, ma setatx tkunx waħedha fl-uffiċċju tal-Kunsill u ġimgħa wara toqgħod waħedha fl-uffiċċju tal-Kunsill.

**16/03/25** Is-Sa Gauci qalet kif kieku din il-persuna kienet ingaġġata, almenu kien ikun hemm il-faċilita li twieġeb it-telefonati li jidħlu għand il-Kunsill, tieħu nota ta' dawk in-nies li xtaqu jgħamlu permess biex umbad tgħaddihom lill-impjegat meta jirritorna lura l-uffiċċju, u dan kien ikun diġa sservi ta' ftit għajnuna milli l-uffiċċju jinżamm kompletament magħluq. Żiedet tgħid ukoll kif il-*cleaner* tal-Kunsill ma kienx xogħolha li tieħu t-telefonati.

**16/03/26** Id-DSE ġibdet l-attenzjoni li s-sejħa ta' Clerk għadha mhux konkluża peress li talbet direzzjoni mill-HR dwar kif l-affarijiet kienu seħħu.

**16/03/27** Is-Sa Gauci qalet kif ir-raġuni mressqa minn Mariah Meli u Christopher Fenech, ma kinitx tagħmel sens peress li huma bdew jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq l-esperjeza li l-applikanta kellha. Is-Sa Gauci fakret ukoll li l-kariga u salarju abbinat diffiċli ħafna biex wieħed isib persuna b'esperjenza fil-Kunsill.

**16/03/28** Is-Sa Meli qalet kif din il-vakanza għadha għaddejja u mhux nulla u din id-diskussjoni li kienet qed issir f'din il-laqgħa kienet għalxejn.

**16/03/29** Is-Sa Gauci qalet li din id-diskussjoni kienet valida għall-argumenti li nqalgħu u kif il-proċess irid jitkompla.

**16/03/30** Id-DSE infurmat li l-bord kellu jimxi mad-deċiżjoni meħudha mill-maġġoranza tal-Kunsilliera preżenti u kif din għadha mhux konkluża. Wara dan il-punt, id-DSE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera li din id-diskussjoni ma setatx titkompla minħabba li l-vot għall-mozzjoni mressqa kien ittieħed.

**16/03/31** Is-Sa Gauci ikkonkludiet bl-aħħar kumment fejn espremiet l-gratitudni tagħha għall-esperjenza li kellha u kif fil-ħajja minn ikollu tamiet kbar u jgħaddi bi trakk minn fuq kulħadd, dak ma jasal imkien.

**16/03/32** Is-Sa Meli xtaqet tikkonkludi bl-aħħar punt fejn qalet li huma kienu qed jgħamlu att demokratiku.

**16/03/33** Id-DSE infurmat kif din il-laqgħa qed tiġi konkluża fejn il-vot favur il-mozzjoni kien approvat u kif hi, bħala DSE ser tkun qed tinforma lill-Ministru kkonċernat kif ukoll lid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali, bid-deċiżjoni meħudha f'din il-laqgħa.

## 16/3 Tmiem tal-laqgħa

**16/3/01** Il-laqgħa spiċċat fis-17:55p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Helen Gauci**<br>**Sindku** | **Jeanette Galea**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |